



Brussell, 16 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12319/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0258(NLE)**

TRANS 570

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 11947/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-emendi għall-Annessi għall-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u għar-Regolamenti Annessi għall-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) – Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-2 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, wara li fil-11 ta' Lulju 2022 infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art dwar il-konklużjoni tal-ħidma fuq l-aġġornamenti tekniċi u xjentifiċi għall-ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq u fuq passaġġi tal-ilma interni, għas-snin 2023 u 2024.
2. Il-konsultazzjoni tal-partijiet kontraenti dwar il-bidliet għar-Regolamenti Annessi u l-Annessi għall-ftehimiet imsemmija hawn fuq tnediet mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1 ta' Lulju 2022 (trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni) u fis-6 ta' Lulju 2022 (trasport bit-triq), rispettivament, u b'hekk bdew perjodi ta' tliet xhur li warajhom l-emendi jitqiesu li jkunu ġew aċċettati jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni rilevanti.

3. L-Unjoni mhija parti kontraenti għal ebda wieħed minn dawn il-ftehimiet. Madankollu, l-Istati Membri kollha huma partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u tlettax-il Stat Membru huma partijiet kontraenti għall-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN). L-Unjoni tirregola, b'mod partikolari permezz tad-Direttiva 2008/68/KE¹, it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija u fuq passaġġi tal-ilma interni, u tirreferi għall-applikazzjoni tar-regoli adottati skont l-ADR u l-ADN.

II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU

4. Matul laqgħa tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fil-5 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta. Id-delegazzjonijiet appoġġaw l-adozzjoni tagħha, filwaqt li diversi riżervi ta' skrutinju kienu pendenti.
5. Wara talba mill-Presidenza li stiednet lid-delegazzjonijiet jipprovdu l-kummenti bil-miktub li jista' jkollhom sat-12 ta' Settembru 2022, l-ebda delegazzjoni ma għamlet kummenti addizzjonali. Id-deliberazzjonijiet fil-livell tal-grupp ta' ħidma jistgħu għalhekk jiġu kkunsidrati bħala finalizzati.

III. KONKLUŻJONIJIET

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni, kif jinsab fid-dokumenti 12123/22, wara reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, u 12399/22.²
7. Hekk kif jiġi adottat, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

¹ Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

² L-iskadenza għall-ħruġ tad-dokumenti hija l-20 ta' Settembru 2022, p.m.